Tribunal Industrijali

Decizzjoni Numru 2492

Kaz Numru 2855/MF

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Saviour k/a Salvu Mallia

U

MK Leisure Limited u aktar tard gie kjamast in kawza MKIC Limited Dwar allegazzjoni ta' tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta

Illum 2 ta' Ottubru 2017

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara rikors mibghuta lit-Tribunal Industrijali datata 10 ta' Novembru 2010 mill-Avukat Dr. Ian Spiteri Bailey li bghat dan ir-rikors ghan-nom ta' Saviour k/a/ Salvu Mallia fejn talab li dan il-kaz jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali .

Saviour k/a Salvu Mallia maghruf bhala l-appellant kien assistit mill-Avukat Dr. Ian Spiteri Bailey u ghall-Kumpanija Mk Leisure Limited deher Charles Micallef assistit minn Dr. Amanda Poole ghall-kupanija MKIC Limited deheret Dr. Veronica Galea Debono.

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellant ddikjara li kien responsabbli mill-produzzjoni tas-show bl-isem Knights Spectacular li taghha kien ukoll

l-awtur u sab hafna problem fosthom nuqqas ta' investiment. Hu talab sabiex issir produzzjoni tajba u ta' livell gholi kellu bzonn aktar flus. Minkejja d-diversi laqghat u diskussjonijet il-probemi zdiedu u sar disgwiet ukoll mal-atturi. Kien hem zewg problemi wahda li ried jaghmel l-ahjar ghall-kumpnaija u t-tieni li ma semghawx il-verzjoni tieghu billi l-anqas tawh l-opportunita jiddefendi ruhhu.

Is-socjeta fl-istqarrija taghha qalet li s-socjeta appellata hadet decizzjoni gustifikata u ai termini tal-Ligi billi kien hemm diversi nuqqassijiet da parte tar-rikorrenti  u dan minkejja d-diversi twissijiet.

**PROVI**

Xehed Charles Micallef quddiem it-Tribunal Industrijali fejn qal li Mr. Mallia kien impjegat bhala Artistic Director u l-problema li kellu kien li jizbroffa malajr, kien juza lingwagg mhux xieraq kien jikklexxja mal-istaff u l-cast. Kien hem ukoll ilmenti mill-impjegati l-ohra. Bhala fatt ix-xhud ighid li semghu jidghi, ighajjat u ighid kliem hazin u dan anki waqt board meetings. Kien hem ukoll ilemnti minn terzi persuni fosthom klijent li kien qiegħed jaghmel party u ghax Mr. Mallia ried jaghmel rehearsel qajjem kjass shih.

Xehed Bastjan Psaila li xogholu kien bhala house master  u d-decizzjoni tat-tkeccija kienet ilha gejja. Kien irceva diversi twissijijiet bil-fomm u anke fil-miktun. Kien ikun hemm xi inkwiett fuq iz-zwiemel imma kien jinghata parir pero mhux dejjem kien joqghod fuq dak li kien ighidlu.

Xedhedet Mrs Mattocks li kienet tahdem bhala Wardrobe Mistress Qalet li ta' spiss kien ikollha xi tghd mal-appellnt u kif kien ikellimmha hazin u kien bid-dagha u bl-ghajjat.

Xehed Mr Mattocks fejn iddiskriva diversi incidenti fuq ix-xoghol fejn sema lill-appellant jidghi u jghajjat.

Gie pprezentat Affidavit ta' Emanuel Bonnici  fejn qal li Savu Mallia kien juza kliem  disprgjattiv fil-konfront ta' Mrs Mattocks u zewgha.

Xehed ukoll Ivan Azzopardi b'affidavit fejn qal li li sema lill Salu Mallia jitkellem hazin hafna man-nies u jghajjat

Xehed ukoll Alfred Caruana b'Affidavit fejn qal li sema lill-Appellant jghajjat.,jirrabja u jitlaq il-barra

Xehed Charles Micallef in kontro-ezami fejn qal li fuq xogholu kien tajjeb u ried l-affariejit sew. Qal li fil-bidu kien hem problema tas-sound pero l-attitudini ta' Salvu Mallia ma kintex gustidkiata li jgib ruhu hekk.

Xehed Seamus Kelly Vella Alosio fejn qal li salvu Mallia dahlu bhala performer pero illum ma ghadhux jahdem hemm. Qal li Salvu Mallia kien ikollu izomm id-dixxiplina ghax kien hemm min kien jitkessah. Kien hemm pobpemi fuq id-dawl u s-sound li Salvu Mallia kien dejjen jilmenta sabiex tissolva.

Xehedet Francesca Scerri  li kienet tahdem bhala sales executive fejn qalet li Saviour Mallia kellu hafna entuzjazmu u ried li l-affarijiet ikunu sew. Qalet ukoll illi fix-show kien hem hafna mismanagement u hafna kaptani. Qalet ukoll illi xi drabi kienet taqbizlu.

Xedet ukoll Martina Zammit fejn qalt li Salvu Mallia kien il- go in between il-crew u l-management ghalhekk semghatu jgholli lehnu.

Xehed Saviour Mallia fejn qal li ma kellu problemi ma hadd fuq ix-xoghol. Gie mghajjat darba biex jigi mitkellem mid-diretturi u dan sforz li kien taht stress. Meta jkollok cast ta' hamsin ruh u tlett kwarti irgiel trid tkun sod fit-tmexxija. Illum immexxi program fuq it-television pero l-introjtu tiegehi naqas hafna.

Xehed Charles Micallef li kien direttur tal-kumpanija  fejn qal li kien responsabbli mill-Finance and Administration fejn kien wiehed minn dawk il-persuni li ingaggaw lill-Salvu Mallia. Sakemm ittella s-show ghadda l-fuq minn sena u l-atturi gew impjeti minnu  u kien hemm mal-hamsin cast.  Konna niltaqghu sabix insolvu l-problemi li kien hemm. Kont nitkellem regolrment ma Salvu Mallia fuq l-attitudini tieghu ghax kienjghajjat kontinwament.

Xehed Charles Mattocks fejn qal li kien jahdem il-parti ta Gran Mastru u ftakar l-incident li kelu.

Xehedet Mrs Agnes Mattoks fejn qalet li Alfred Mallia kellu hafna tensjoni ghax ried l-affarijiet perfettissimi u ix-xogjol ma kienx jigi dejjem tajjeb.

Xehed Saviour Mallia in kontro-ezami fejn qal li Mrs Mattcoks kellu problem maghha ghax riedet taghmel li trid u mhux li jghidilha. Ammetta li kien jgghajjat u jirrabja imma dan minhabba c-cirkostanzi. Qa li bhala warnings qatt ma kien hemm imma kien isir diskors bejn u u bejn idd-diretturi.

Xehed Antonio Polidano fejn qal li l-operat tal-premises u tax-show huwa kollu f'idejh jigifieri f'Island Cateres u wkoll il-haddiema

Xehedet Francesca Scerri in kontro-ezmi fejn qalet li  tghid li dejjem kienu jaqblu fuq ix-xoghol.

Dahlet bhal kjamat in kawza il-kumpanija MKIC ki hadet over mill-Mk Leisure u t-Tribunal iddecieda li tiddahhal fil-kawza u ta' d-decizzjoni tieghu f'dak is-sena. Xehed Winsten Zahra.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal ikkonsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jghid li dahal sew fix-xhieda tal-partijiet kollha. It-Tribunal ried iwiezen ix-xhieda dawk li xehdu kontra Saviour Mallia u dak li xehdu favor Saviour Mallia. It-Tribunal qieghed jaghmilha cara li qieghed jaghti piz lil dawk ix-xhieda li rrankontaw l-attirudini agressiva u gellieda ta' Saviur Mallia.

Wiehed jista jifehm illi mata bnieden qieghed imexxi crew ta' hamsin ruh ikollu l-problemi pero mhuwiex gustifikat li jista; jghajjat, jidghi u johodha b'mod agressiv kontra xi membri tal-crew u id-diretturi.

L-attitudini ta' crew director ghandha tkun ezemplari u li tkun qieghda tali li tirrifleti rwol ta' leader u mghux lijiggieled u jghgajjat anki mad-driertturi. Dan anki iwaqqa l-moral tal-crew li huma stess ikunu that

tensjoni qawwija minhabba xi reazzjoni negattiva da parti ta' Saviour Mallia.

Hija hasra li dan il-kas kellu jispicca hekk ghax is-show kien vaidu hafna u t-Truibunal sema li kien ta' success pero qatt ma jista' jigi accettat attitidin negattiva , agressiva u daqshekk konfrontarju li juri n-nuqqas serju ta leadership u direzzjoni. It-Tribunal jifhem illi jista' jkun hemm xi konflitti fuq il-post tax-xoghol pero attitudinu negattiva bhal dik li wera Saviour Mallia ma kullhadd hija inacettabbli.

Ghaldaqstant It-Tribunal qieghed jiddecidi illl Saviour Mallia ma ppruvax il-kaz tieghu sal-grad rijkjest mill-Ligi u qieghed jkkonferma id-decizzjoni tal-kumpanija intimata bhala wahda gustifikata u accettabbli.

**Decizzjoni**

It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidera l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddikjara li Savioit allia ma ppruvax il-kaz tieghu u d-decizzjoni tas-socjeta intimata hija wahda gustifikata.

Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jiddeciedu billi jichad dan l-appell bl-ispejjes jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(iffirmat)
Dr. Martin Fenech
Chairman

VERA KOPJA

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju